Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 221/2021: **XUEREB INSTALLATIONS LIMITED** (C15321) V. **LARA DEVELOPMENTS LIMITED** (C42868) U **SUN ISLAND NURSERIES LIMITED** (C45327)

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Xuereb Installations Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2021,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata minn Lara Developments Limited u Sun Island Nurseries Limited ("l-intimati" jew "il-kumpaniji intimati") ippreżentata fit-22 ta' Ottubru 2021,

wara li rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ordnat lill-intimati jiddikjaraw jekk humiex qed jammettu t-talbiet tar-rikorrenti b'mod sħiħ u mingħajr kundizzjoni u dan qabel id-data tal-ewwel seduta li ġiet iffissata għad-29 ta' Novembru 2021,

wara li rat li din in-nota baqgħet ma' daħlitx qabel l-ewwel seduta u filfatt matul l-ewwel seduta l-intimati ddikjaraw li huma kienu qed jaqblu mat-talbiet tar-rikorrenti biss fl-ammont ta' € 7,159.38,

wara li rat li fl-istess seduta r-rikorrenti ppreżentat nota li permezz tagħha rriduċiet s-sorte mitlub bis-somma ta' € 500 filwaqt li żammet ferm fuq il-kap tal-ispejjeż u imgħaxijiet,

wara li rat li sussegwentement fl-istess seduta l-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrenti kif ridotti, b'mod sħiħ u mingħajr kundizzjoni,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mingħand il-kumpaniji intimati is-somma ta' sebat elef sitt mija disgħa u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€ 7,659.38) rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' *gypsum,* soffitti u finituri kif ukoll provvista tal-materjal relattiv, liema xogħol ġie eżegwit f'siti sitwati fl-Imrieħel, Valletta u Buġibba, kif muri fil-fatturi esebiti mar-rikors u mmarkati bħala Dok A, Dok B u Dok C. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment u l-imgħax kummerċjali dekoribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv.

2. Fit-22 ta' Ottubru 2021, l-intimati ppreżentaw nota t'ammissjoni li *inter alia* kienet tindika s-segwenti:

   *"Nota ta' ammissjoni tas-soċjetajiet konvenuti Lara Developments Ltd u Sun Island Nurseries Limited ... Li permezz tagħha iż-żewġ soċjetajiet qegħdin jirreġistraw ammissjoni għat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur mis-soċjeta' rikorrenti. Illi Ii kieku s-soċjeta' rikorrenti stenniet ftit tal-ġimgħat minn wara li bagħtet it-tieni 'statement', kienet ser titħallas is-somma mitluba mingħajr l-intrigu li ssir din il-kawża..."*

3. Fit-28 ta' Ottubru 2021 il-Qorti ħarġet digriet li permezz tiegħu ordnat lill-intimati jiddikjaraw jekk humiex qed jammettu t-talbiet tar-rikorrenti b'mod sħiħ u mingħajr kundizzjoni u dan qabel id-data tal-ewwel seduta li ġiet iffissata għad-29 ta' Novembru 2021.

4. Din in-nota baqgħet ma' daħlitx qabel l-ewwel seduta. Matul is-seduta tat-29 ta' Novembru 2021 l-intimati ddikjaraw li huma kienu qed jaqblu mat-talbiet tar-rikorrenti **<u>biss</u>** fl-ammont ta' € 7,159.38 u għalhekk ikkontradixxew l-ammissjoni tagħhom fuq imsemmija.

5. Fl-istess seduta r-rikorrenti ppreżentat nota li permezz tagħha rriduċiet s-sorte mitlub bis-somma ta' € 500 filwaqt li żammet ferm fuq il-kap tal-ispejjeż u imgħaxijiet.

6. Sussegwentement fl-istess seduta l-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrenti kif ridotti, ċioe fl-ammont ta' € 7,159.38.

7. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

   1. **Tiddikjara li l-kumpaniji intimati huma debituri tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sebat elef mija disgħa u ħamsin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€ 7,159.38) rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' *gypsum*, soffitti u finituri kif ukoll provvista tal-materjal relattiv, liema xogħol ġie eżegwit f'siti sitwati fl-Imrieħel, Valletta u Buġibba,**

   2. **Tikkundanna lill-kumpaniji intimati jħallsu lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kummerċjali fuqu dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament,**

   3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, dawn jkunu a karigu tal-kumpaniji intimati.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur